MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 73/1999/1

Maurice Borg,
Victor John Borg,
Joseph Borg .

vs

George Borg,
Angela sive Lina mart George Gauci .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni ta’ l-atturi li biha, wara li ppremettew :

Illi l-atturi flimkien mal-konvenuti huma komproprjetarji fi kwoti ugwali ta' kwinta parti kull wieħed u waħda ta' l-art magħrufa "Ta' Żejta" fil-limiti ta' Victoria u Xewkija, Għawdex, b'faċċata fuq Triq Mgarr u faċċata oħra fuq Triq San Leonardu, u konfinanti min-nofsinhar ma' Triq Mgarr, tramuntana ma' Triq San Leonardu, u lvant ma' beni tal-familja Grech, kif ukoll ta' art b'bini mġarraf fuqha

f'Victoria, Għawdex u konfinanti min-nofsinhar ma Triq, punent ma beni ta' Victor J. Borg .

Illi permezz ta' skrittura ffirmata quddiem in-Nutar Michael Refalo, il-partijiet, fil-preżenza ta' l-avukati rispettivi tagħhom, kienu ftehmu illi jiddividu dawn iż-żewġ porzjonijiet art bil-mod hemm stabbiliti u bl-opera tal-Perit Salvu Micallef illi kien ġie nominat minnhom għal dan l-iskop speċifiku;

Illi infatti dan il-ftehim ġie konfermat mill-partijiet involuti bis-saħħa ta' verbal redatt fit-2 ta' Ottubru 1998, fl-atti tal-kawża pendenti quddiem din il-Qorti fl-ismijiet "*Angela Gauci -vs- Joseph Borg et" , Citazzjoni Nru : 93/93 ;*

Illi ai termini tal-iskrittura, il-kuntratt pubbliku relattiv kellu jiġi ffirmat fi żmien xahrejn minn meta l-perit Micallef ikun espleta l-inkarigu tiegħu .

Illi effettivament il-perit espleta dan l-inkarigu u l-esponenti interpella lill-aħwa l-oħra sabiex jaddivjenu għall-kuntratt pubbliku, iżda il-konvenuti qegħdin stinatament jirrifjutaw illi jersqu għal tali pubblikazzjoni .

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tikkundannakom sabiex taddivjenu għall-kuntratt pubbliku li permezz tiegħu l-artijiet hawn fuq indikati għandhom jiġu diviżi w assenjati bejnietkom skond l-iskrittura ffirmata bejnietkom quddiem in-Nutar Michael Refalo a bażi tal-pjan ta' diviżjoni preparat mill-Perit Salvu Micallef ai termini ta' dik l-iskrittura ;

2. Tiffissa l-jum, ħin u lok illi fihom għandu jiġi pubblikat l-imsemmi kuntratt ta' diviżjoni w assenjazzjoni, ad opera ta' Nutar nominand ,

3. Tahtar kuraturi sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq dan l-istess att, u tawtorizza lill-istess kuraturi sabiex jagħmlu u jwettqu l-prattiċi kollha neċessarji skond il-liġi mal-Kummissarju tat-taxxi Interni,

mar-Reġistratur ta' l-artijiet u ma' kull awtorita' oħra kompetenti sabiex ikun jista' jiġi pubblikat dan il-kuntratt ta' diviżjoni .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali spedita lilkom f'April 1999 minn Maurice Borg, kontra tagħkom u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti .
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament ikkonfermata bil-ġurament ta' Maurice Borg .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Angela sive Lina Gauci li biha eċċepiet :

1. Illi preliminarjament hemm l-intempestivita taċ-ċitazzjoni billi l-validita' tal-kitba li a bażi tagħha qed jaġixxu l-atturi hija mertu ta' kawża pendenti quddiem l-istess Qorti fl-ismijiet "Gorg Borg et – vs – Maurice Borg et" ċitazzjoni numru 64/99 . Għaldaqstant hemm lok li din il-Qorti tissopprassjedi sakemm ikun hemm eżitu fil-kawża msemmija jew alternattivament dawn iż-żewġ kawżi jiġu trattati kontestwalment .

2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess l-eċċipjenti ma hix tenuta toqgħod għall-qasma kif proposta fir-rapport tal-Perit Saviour Micallef in kwantu din ma hix konformi mat-termini tal-konvenju .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta maħlufa minnha .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut George Borg li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Preliminarjament ta' ostakolu għal din l-azzjoni hemm il-kawża fl-ismijiet inversi ċitazzjoni Numru 64/99 (Pc) istitwita mill-eċċipjenti u l-konvenuta l-oħra Lina Gauci, fejn qed tintalab ir-rexissjoni tal-iskrittura *de quo* . Għalhekk l-eżitu ta' din il-kawża jiddependi mill-eżitu tal-kawża l-oħra .

2. Fi kwalunkwe u mingħajr preġudizzju għall-premess il-pjanta annessa mal-iskrittura msemmija u dik redatta mill-AIC Salvu Micallef, ma tirrispekkjax is-sens veru ta' kif kellha ssir il-qasma u dan għas-segwenti raġunijiet :

a. Skond ma xehed il-perit Salvu Micallef fis-seduta tas-16 ta' Marzu 1999, huwa ma mexiex fedelment mal-pjanta tal-A.I.C. Louis Naudi, li a bażi tagħha kellu jsir il-kejl . Huwa kejjel biss l-area "A" mill-pjanta tal-perit Naudi u ħalla barra l-kejl ta' żewġ appezzamenti oħra u ċioe' l-area "B" u l-area "C" . Rizultat ta' dan huwa li l-linja diviżorja .

b. Kif jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, il-perit Salvu Micallef ma nterpretax sew il-kejl a bażi tat-trasferimenti li saru senjatament dak ta' xiri in atti nutar Pellegrini tat-30 ta' Mejju, 1970, u dak in atti nutar Joseph Spiteri tat-2 ta' Lulju, 1977 .

c. Fix-xhieda tiegħu, mogħtija in eskussjoni l-istess AIC Micallef ammetta li l-mod kif ġiet maqsuma l-art ta' żejta, mhux skond l-arti u s-sengħa, għaliex huwa kontra kull regola li taqsam biċċiet ta' għaxar piedi-l waħda .

d. Irrizulta spropożitu kbir bejn diversi biċċiet, għal dak li huwa pontenzjal ta' żvilupp, peress illi l-pjanta "X" annessa mal-imsemmija skrittura ma tieħux in konsiderazzjoni l-linja ta' żvilupp skond il-pjan regolatur, u għalhekk dik id-diviżjoni hija artifiċjali u ma tieħux in konsiderazzjoni realta' attwali u l-valuri reali tal-proprjeta' .

e. Għar-rigward tal-art fi triq Sir Luigi Camilleri, irriżulta differenza ta' madwar 12-il pied bejn il-parti li sejra tiġi assenjata lil Victor Borg u l-partijiet l-oħrajn .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut minnu maħlufa.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti .

Rat ukoll l-atti tal-kawżi konnessi bejn l-istess kontendenti, u ċioe' dik fl-ismijiet : "Angela Gauci vs Joseph Borg et." (citaz. nru. 93/1993), li għadha pendenti quddiem din il-Qorti kif ippreseduta, kif ukoll dik fl-ismijiet : "George Borg et. vs Maurice Borg et."  (citaz. nru. 64/1999), deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' April 2004 .

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat il-verbal tagħha ta' l-24 ta' Marzu 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Ikkunsidrat :

Illli permezz tal-kawża preżenti l-atturi qegħdin jitolbu l-esekuzzjoni ta' ftehim ta' diviżjoni parzjali , a tenur ta' skrittura privata redatta min-Nutar Michael Refalo u debitament iffirmata mill-kontendenti kollha ('Dok. A.' annessa ma' ċ-ċitazzjoni)[1] .  Irrid jingħad u jiġi kjarifikat mill-ewwel illi, għalkemm din l-iskrittura ġġib id-data tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Awissu 1996, dan evidentement sar bi żball ġenwin tan-Nutar .  Id-data korretta, u fuq din jidher illi hemm qbil unanimu mill-kontendenti, hija dik tas-*sitta (6) ta' Frar 1998* (ara kontro-ezami ta' l-attur George Borg a fol. 33 tal-proċess tal-kawża ċitaz. nru. 64/1999) .

Irriżulta illi din l-iskrittura kienet saret fi sforz biex il-kontendenti jittransiġu almenu parti mill-pendenzi li kellhom u għad għandhom bejniethom in konnessjoni mal-likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-assi mħollija lilhom mill-ġenituri tagħhom, u wara li kienu ġia ġew istitwiti diversi kawżi quddiem din l-istess Qorti dwar dawn l-ereditajiet .

[1] A fol. 5 tal-process .

Ġara pero’ illi in segwitu għal din l-iskrittura, u wara li l-perit arkitett Salvu Micallef, inkarigat mill-kontendenti bis-saħħa ta’ l-istess skrittura, kien irrediġa diversi pjanti u pjanijiet ta’ qasma a tenur ta’ dik l-iskrittura, il-konvenuti ma riedux jonoraw il-ftehim milhuq b’dik l-iskrittura, għax allegatament kienu ġew ingannati u saru żbalji li kienu ser jeffettwaw il-pożizzjoni tagħhom . Infatti dwar dawn l-allegazzjonijiet kienu istitwew il-kawża fuq imsemmija ċitaz. nru. 64/1999 . Imma permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-20 ta' Ottubru 2000, kif konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' April 2004, il-pretensjonijiet tal-konvenuti ġew respinti . In vista ta' dik is-sentenza għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni mqajma miż-żewġ konvenuti fin-noti ta' l-eċċezzjonijiet rispettivi tagħhom m'għadhiex veljanti .

Qabel ma jiġi diskussi l-eċċezzjonijiet l-oħra fuq il-mertu, jkun opportun illi jingħad illi fil-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża, il-konvenuti ttentaw iressqu diversi eċċezzjonjiiet oħra, li ma kienux issemmew fin-noti ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom . Din il-Qorti pero', bid-digriet tagħha tat-28 ta' Jannar 2005, ċaħdet it-talba tal-konvenuti għall-preżentata ta' nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri[2] . Madankollu l-Qorti sejra tittratta wieħed mill-ilmenti mressqa mill-konvenuti, għax dan jirreferi għal kwistjonijiet ta' ordni pubbliku . Il-konvenuti ssottomettew illi l-konvenju li tieghu qed jitolbu l-esekuzzjoni l-atturi ma ghad għandu ebda valur legali billi ma ġiex reġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni a tenur ta' l-artikolu 3(6) tal-Kap. 364[3] . Hu ammess mill-atturi illi din ir-reġistrazzjoni ma saritx. Imma qari akkurat ta' dan is-subartikolu u partikolarment il-kliem **: "a promise of sale or of a transfer of immovable property or any real right thereon**", jwassal lil-Qorti għall-konvinċiment illi dan l-artikolu tal-liġi ma japplikax għall-każ in eżami, billi hawn għandna ftehim dwar diviżjoni ta' proprjeta' pposseduta in komun, u m'hu kontemplat li jsir ebda trasferiment ta' proprjeta' lil terzi . Din is-sottomissjoni tal-konvenuti għalhekk mhix korretta .

---

[2] ara kopja dattilografata ta' dan id-digriet a fol. 118 119 tal-proċess .

[3] ara verbal ta' Dr. Anna Mallia ta' l-24 ta' Marzu 2006 a fol. 218 tal-process .

Fil-mertu mbagħad il-konventa Gauci tilmenta b'mod ġenerali illi l-qasma kif proposta mill-A.I.C. Saviour Micallef ma hix konformi mat-termini tal-ftehim, filwaqt illi l-konvenut George Borg jelenka diversi raġunijiet għaliex l-istess pjan ta' qasma redatt mill-perit Micallef ma jirrispekkjax is-sens veru ta' kif kellha ssir il-qasma .
Permezz ta' l-iskrittura in kontestazzjoni, il-firmatarji kollha ftehmu w aċċettaw illi ***l-art "ta' Zejta"*** kellha tinqasam bil-mod hemmhekk dikjarat, u ċioe' illi nofsha titqies li tappartjeni lil Maurice Borg waħdu, u n-nofs l-ieħor lill-aħwa kollha indiviżament bejniethom . A tenur ta' l-istess skrittura kellu għalhekk ikun proprju l-kompitu tal-perit Micallef illi l-ewwel jistabilixxi l-konfini preċiżi ta' l-art kollha li kienet ġiet akkwistata oriġinarjament minn Maurice u George aħwa Borg u missierhom; jiddentifika l-parti appartenenti lil Maurice Borg waħdu, u wara li jeskludi l-parti fuq in-naħa tal-lvant li kienet inbiegħet lil terzi, mbagħad jaqsam il-parti rimanenti bejn l-aħwa kollha ndaqs bejniethom, bil-konfigurazzjonijiet indikati fuq il-pjanta annessa ma' l-istess skrittura[4] .

Dwar din ir-raba "ta' Żejta", ħareg mill-provi illi l-oġġezzjoni prinċipali tal-**konvenuta Gauci** għall-pjan ta' qasma propost mill-perit Micallef,[5] hija illi l-parti assenjata lilha għanda biċċa sew minnha 'l barra miż-żona ta' żvilupp, u dana kif skopriet żmien wara li kienet iffirmat l-iskrittura in kwistjoni . Tikkontendi għalhekk illi l-*plots* kif imfassla mill-perit Micallef m'għandhomx valur ugwali . Tilmenta wkoll illi l-*plot* tagħha fuq in-naħa ta' Triq San Leonardu, għandha faċċata iqsar minn ta' l-oħrajn . Imma kif spjega tajjeb il-perit Micallef fid-depożizzjoni tiegħu,[6] huwa kien marbut bit-termini ta' l-iskrittura *de quo* illi jqassam il-*plots* rispettivi f'daqs ugwali, u minħabba l-konfigurazzjoni ta' l-għalqa dan ma setgħax jagħmlu ħlief billi fuq dik it-triq, peress illi hemmhekk il-*plots* huma mdaqsin mhux ħażin, ipatti għat-tul ta' uħud minnhom, billi jnaqqas mill-wisgħa[7] . Dwar il-kwistjoni tad-differenza fil-valur tal-*plots,*

---

[4] Dok . AM a fol. 151 tal-process .
[5] ara rapport tiegħu a fol. 305 sa 311 tal-kawża tad-diviżjoni bejn l-istess kontendenti (citaz. nru. 93/1993) .
[6] a fol. 129 - 149 tal-process .
[7] ara Dok.AG 2 a fol. 68 .

minħabba l-potenzjalita' ta' żvilupp tagħhom, huwa ma seta' jagħmel xejn, ġialadarba kien kostrett illi jżomm il-konfugurazzjoni ta' kull *plot*, kif indikat fuq il-pjanta annnesa ma' l-istess skrittura, kif lanqas kellu għażla fuq l-assenjazzjoni tal-*plots* bejn il-kondividenti, għax dan kien ġia sar fuq l-istess skrittura u pjanta annessa .
Il-**konvenut George Borg,** da parti tiegħu ressaq diversi lmenti dwar il-pjan ta' qasma ta' din l-għalqa, kif ippreparat mill-perit Micallef :

(i) jibda biex jgħid illi l-perit Micallef ma mexiex fedelment mal-pjanta ta' l-A.I.C. Naudi, li a bażi tagħha kellu jsir il-kejl . Din il-pjanta kienet saret meta l-art "ta' Żejta" kienet oriġinarjament inxtrat minn missier il-kontendenti u tnejn mill-aħwa, Maurice u George fil-bidu tas-snin sebghin . Huwa jilmenta illi tħalliet barra l-parti ndikata bl-ittri "B" u "C", li tirrapreżenta l-wied li jgħaddi f'nofs l-għalqa[8] . Minħabba f'hekk jargumenta illi l-plots ġew iżgħar milli fil-fatt kellhom ikunu, għax kien hemm iżjed art għall-qasma . Imma kif sewwa jirrimarkaw l-atturi fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom, fil-kopja ta' din il-pjanta li ġiet annessa ma' l-iskrittura tal-ftehim, il-plot li ġiet assenjata lill-attur Maurice Borg, ma kellhiex tinkludi dan il-wied, u nfatti l-linja tan-naħa tal-punent ta' din il-plot tidher 'l barra għal kollox minn dan il-wied . Dan jargumentaw l-istess atturi ma jistax ifisser ħlief illi l-intenzjoni tal-kontraenti dakinhar kienet illi, għalkemm il-pjanta annessa mal-ftehim turi fejn kellha tkun il-linja diviżorja ġo dan il-wied, bejn l-art ta' Maurice Borg waħdu u dik tal-kontraenti flimkien, il-parti tal-wied li tiġi fuq in-naħa ta' l-istess kontraenti flimkien, kellha tibqa' indiviża u komuni bejniethom . Dan jagħmel sens ukoll, għax mhux probabbli li kien ser jiġi permess ebda bini f'wied illi neċessarjament jirċievi l-ilma tax-xita ta' l-inħawi ;

(ii) it-tieni lment tiegħu dwar in-nuqqas fil-kejl huwa konness ma' dak li ntqal hawn fuq, u għalhekk m'hemm xejn x'wieħed iżid f'dan ir-rigward ;

[8] ara Dok. AG1 a fol. 67 .

(iii) it-tielet ilment jirrigwarda l-*plots* iż-żgħar illi jagħtu għal fuq Mgarr Road; il-konvenut Borg jargumenta illi dawn il-perit Micallef ma qasamhomx skond is-sengħa u l-arti, u dan għaliex huwa diffiċli ferm illi jsir bini fuq plots b'għaxar piedi biss faċċata għat-triq . Imma dwar dan, kif sewwa qal l-istess perit Micallef fid-depożizzjoni tiegħu, huwa lanqas seta' jagħmel xejn, għax kien marbut li joqgħod għal dak li kienu ndikawlu l-kontendenti stess fil-pjanta annessa mal-ftehim . Kienu huma li ddeċidew illi jieħdu *plot* "ugwali" kull wieħed, anke fuq din it-triq, u ġialadarba l-wisgħa ta' l-għalqa fuq dik in-naħa ma kienitx tissupera s-sittax (16) il-metru b'kollox u l-kondividenti kienu ħamsa, ma setax jagħmel mod ieħor ;

(iv) ir-raba lment huwa simili għal dak tal-konvenuta l-oħra, u għalhekk a skans ta' ripetizzjoni inutili, qed issir referenza għal dak li ġia ntqal f'dan ir-rigward aktar 'l fuq f'din is-sentenza .

B'referenza għall-***art ta' Xagħra Road***, il-konvenuta **Gauci** ma tgħid xejn, filwaqt illi l-konvenut **Borg** jilmenta illi meta l-perit Micallef mar ikejjel, dejjem wara li kienet saret l-iskrittura kontestata, huwa ma kienx preżenti, u wara li rriżultalu kejl aktar milli kien jidher fuq il-pjanta annessa ma' l-iskrittura 'de quo', qassam id-differenza b'mod irregolari u ngust[9] . Apparti l-fatt illi dan l-ilment ġia ġie ttrattat fis-sentenza tagħha fil-kawza 64/1999 hawn fuq imsemmija, jkun utili illi ssir referenza għall-ispjegazzjoni mogħtija mill-perit Micallef f'dan ir-rigward . Irriżulta minnu illi l-*plot* assenjata lil Victor Borg, fiha kejl xi ftit aktar mill-oħrajn . Dan sar pero' sabiex ikun hemm x'jagħmel tajjeb għall-fatt illi parti minn din il-*plot* hija sottoposta għal proprjeta' ta' terzi . Il-Qorti żżid tosserva illi fil-każ ta' l-art ta' Xagħra Road, il-kontraenti ma rabtux lill-perit illi jagħtihom kejl ugwali, imma biss illi jżomm l-istess konfigurazzjonijiet minnhom stabiliti fil-pjanta relattiva annessa wkoll mal-ftehim[10] .

---

[9] ara pjanta ta' l-A.I.C. Micallef a fol. 310 tal-kawza citaz. 93/1993 .
[10] ara kopja tal-ftehim a fol. 5 tal-process .

Jirriżulta għalhekk illi m'hemm xejn x'jista' jiġi ċċensurat fil-pjan ta' qasma ppreparat mill-perit Micallef . Anzi jidher illi huwa mexa skrupolożament ma' l-istruzzjonijiet mogħtija lilu . Kif tajjeb issottomettew l-atturi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom, il-ftehim milħuq bejn il-kontendenti kien ċar u inekwivoku u ma jħalli ebda lok għal interpretazzjoni alternattiva . F'tali ċirkostanzi din il-Qorti hija marbuta illi toqgħod fuq dak li jidher illi kienu ftehmu l-partijiet u m'għandha ebda dritt tissostitwixxi r-rieda tagħha u wisq anqas ta' xi ħadd mill-partijiet, li forsi reġa' bdielu jew jiddispjaċieh ta' li għamel, għal dak li ntrabtu l-partijiet kollha liberament fl-okkażżjoni ta' dan il-ftehim . Kif intqal mill-qrati tagħna : " … *l-volonta' tal-ġudikant qatt ma għandha tissostitwixxi dik tal-kontrenti . Kemm-il darba li skrittura privata li permezz tagħha l-kontraenti jintrabtu f'relazzjoni ta' compra-vendita tkun ċara, id-dmir tal-Qorti huwa limitat inkwantu hija għandha l-obbligu li tagħti esekuzzjoni għal dak li l-partijiet fuq il-konvenju jkunu ftehmu, u xejn aktar . Infatti din il-Qorti, kif diversament komposta, esprimiet ruħha hekk fir-rigward :* ***'Meta l-kliem tal-att huma ċari l-interpretu għandu joqgħod għal dan il-kliem u mhux jirrikorri għall-konġetturi'.***"[11]

Għal dawn il-motivi, billi l-ilmenti illi fuqhom ibbażaw l-eċċezzjonijiet tagħhom il-konvenuti ma rriżultawx ġustifikati, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi u :

1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jaddivjenu għall-kuntratt pubbliku li permezz tiegħu (a) l-art "ta' Żejta" fil-limiti tar-Rabat/Xewkija, Għawdex, b'faċċata fuq Triq Mgarr u oħra fuq Triq San Leonardu, u konfinanti min-nofsinhar ma' Triq Mgarr, tramuntana ma' Triq San Leonardu u lvant ma' beni tal-familja Grech u (b) l-art b'bini mġarraf fuqha fi Triq Sir Luigi Camilleri, qabel Triq Xagħra, Victoria, Għawdex, konfinanti min-nofsinhar mat-triq, u punent ma' beni ta' Victor Borg, għandhom jiġu diviżi u assenjati bejn il-kontendenti skond l-iskrittura

[11] Appell : Dr. Carmel sive Lino Gauci Borda et. vs Carmelina Azzopardi et. 29.10.2004 .

ffirmata bejniethom fis-6 ta' Frar 1998 quddiem in-Nutar Dottor Michael Refalo u a bażi tal-pjan ta' diviżjoni ppreparat mill-perit Salvu Micallef ai termini ta' dik l-iskrittura u li ġie preżentat fil-kawża ta' diviżjoni bejn l-istess kontendenti (ċitaz. nru. 93/1993) ;

2. Tordna illi dan il-kuntratt għandu jsir nhar is-Sibt 11 ta' Novembru 2006 fil-ħdax ta' filgħodu, fl-uffiċċju tan-Nutar Dottor Michael Refalo, li qed jiġi nominat għal dan il-fini; u

3. Taħtar lill-avukat Dottor Joseph Grech bħala kuratur għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att, u tawtorizzah sabiex jagħmel u jwettaq il-prattiċi kollha neċessarji skond il-liġi mal-Kumissarju tat-Taxxi Nterni, mar-Reġistratur ta' l-Artijiet u ma' kull awtorita' oħra kompetenti sabiex ikun jista' jiġi pubblikat dan il-kuntratt .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali tat-12 ta' April 1999, kontra l-konvenuti .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------